# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 880/1998 SM**

**Phyllis *sive* Pina Abela**
**u Josie Abela, mizzewgin flimkien**

**vs.**

**Dr. Mario Tabone, u ghal kull interess**
**li jista' jkollha Josephine Tabone mart**
**l-istess Dr. Mario Tabone**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni promotrici datata d-29 t'April, 1998, li permezz taghha l-atturi sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fiz-17 ta' Mejju, 1994, il-konvenut *qua* kirurgu oftalmiku opera lill-attrici fil-klinika *"Blue Cross"*, H'Attard, biex

inehhilha l-katarretti minn ghajnejha x-xellugija u ppresta servizzi professjonali ohra;

1.2. Illi minhabba imperizja, negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' diligenza fl-ezercizzju tal-professjoni tal-konvenut, l-attrici fuq indikata sofriet danni konsistenti f'telf ta' dawl minn ghajnejha u danni ohra, telf ta' qligh, u spejjez, li ghalihom hu risponsabbli l-imsemmi konvenut;

1.3. Illi l-konvenut gie interpellat inutilment biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni bl-ittri ufficjali indikati fic-citazzjoni promotrici, (ara foll 1 *a tergo*);

1.4. Illi ghalhekk l-atturi aderew din il-qorti biex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tiddikjara li l-konvenut hu risponsabbli ghat-telf tal-ghajn ix-xellugija tal-attrici, u ghad-danni sofferti mill-atturi;

1.4.2. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati;

1.4.3. Tikkundana lill-konvenuti biex solidalment ihallsu lill-attrici d-danni hekk likwidati;

1.4.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici li ggib l-istess data indikata fic-citazzjoni promotrici, (ara foll 2), li essenzjalment tirriproduci dak elenkat fic-citazzjoni promotrici;

3.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-14 t'Ottubru, 1998, li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti, (ara foll 9):

3.1. Illi preliminarjament il-konvenuta Josephine Tabone giet imharrka inutilment, u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3.2. Illi *di piu`* it-talbiet attrici indirizzati fil-konfront tal-konvenuta indikata fil-paragrafu precedenti huma preskritti *a tenur* tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili;

3.3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li l-konvenut Dr. Mario Tabone hu responsabbli ghat-telf t'ghajnejn ix-xellugija tal-attici u ghad-danni minnha rikjamati;

3.4. Illi hu ghamel dak kollu li tirrikjedi is-sengha u l-arti medika fit-trattament tal-attrici;

3.5. Illi dak li gara kien ikkagunat mill-predisposizzjoni u kundizzjoni medika hazina t'ghajnejn l-attrici ghall-infezzjoni sussegwenti li ghaliha l-konvenut ma kellu ebda tort;

3.6. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati fil-konfront tieghu jew tal-konvenuta martu fuq indikata;

3.7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3.8. Bl-ispejjez kontra l-attrici;

4.0. Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti li ggib l-istess data indikata fin-nota tal-eccezzjonijiet *de quo*, (ara foll 9), li essenzjalment ukoll tirriproduci dak elenkat fl-istess nota tal-eccezzjonijiet ghalkemm gie rivelat is-segwenti, (ara foll 10):

4.1. Illi l-attrici kienet issofri minn iskemija tar-retina;

4.2. Illi kienet operata f'ghajnejha l-leminija snin qabel;

4.3. Illi ma kienitx tara minn ghajnejha tal-lemin;

4.4. Illi kellha vizjoni limitata minn ghajnejha tax-xellug;

4.5. Illi l-attrici kienet tattendi ghand il-konvenut u kienet tinghata kura paljattiva ghal din;

4.6. Illi sussegwentement "ma deheritx aktar ghal xi snin", (ara foll 10);

4.7. Illi ghall-habta tal-1994 l-attrici regghet bdiet tmur l-ispizerija fejn kien jezercita il-konvenut;

4.8. Illi l-konvenut kien dejjem jghid lill-attrici li fil-fehma tieghu l-kondizzjoni taghha ma setghetx titjieb jekk ma tnehhix il-katarretti;

4.9. Illi fhemha wkoll li tali operazzjoni kienet tipprezenta riskju car *stante* li kien fadlilha ghajn wahda biss;

4.10. Illi fuq l-insistenza tal-attrici li tigi operata fl-uniku ghan in dizamina, l-konvenut ta' *card* lill-attrici biex ikollha l-opportunita` tikkonsidra sew is-sitwazzjoni li kienet fiha, u li jekk tinsisti li tigi operata *nonostante* r-riskju involut, kellha tirritorna l-*card de quo*;

4.11. Illi meta saret il-vizta medika indikata fil-paragrafu precedenti kien prezenti r-ragel tal-attrici li insista u ghamel pressjoni biex il-mara tieghu taghmel l-operazzjoni *de quo*;

4.12. Illi minkejja r-riskju li l-attrici kienet taf li kienet esposta ghalih, iddecidiet li tigi operata;

4.13. Illi l-operazzjoni in dizamina saret fil-klinika *"Blue Cross"*, f'Mejju, 1994;

4.14. Illi minkejja certi diffikultajiet klinici, l-operazzjoni tal-katarretti kienet effettwata b'success, u ghalkemm l-ghajn kienet ftit hamra, l-attrici qalet lill-konvenut li gia` kienet qed tara ahjar;

4.15. Illi l-ghada tal-operazzjoni l-konvenut gie infurmat minn bint l-attrici li kien qabadha ugiegh f'sidirha;

4.16. Illi dan l-ugiegh ma kellu x'jaqsam xejn mal-intervent in dizamina;

4.17. Illi in vista ta' dan l-ugiegh, it-tabib kuranti tal-attrici bghatha l-Isptar;

4.18. Illi l-attrici kienet taht il-kura ta' Dr. Alfred Caruana Galizia, u *stante* u l-ghajn baqghet hamra, dan zied il-kura fit-tqattir, pilloli u ingwent;

4.19. Illi l-konvenut mar jara lill-attrici l-isptar fejn ikkonstata li l-*cornea* ma kienitx cara u ordnalha *“sub-conjunctival injection”* u insista li din kellha tinghata l-qtar tal-ghajnejn preskritti lilha ta’ spiss;

4.20. Illi l-imsemmija insistenza saret b’cirkospezzjoni *stante* li l-istess konvenut ma kienx jahdem l-isptar;

4.21. Illi meta l-istess konvenut rega’ invista lill-attrici l-ghada ikkonkluda li l-ghajn operata kellha *endophthalmitis*;

4.22. Illi meta indaga rigward il-kondizzjoni kardijaka tal-attrici biex jara setghetx ticcaqlaq u tittiehed fl-*ophthalmic ward* kien infurmat li seghet tigi trasportata;

4.23. Illi l-istess konvenut cempel lill-ispecjalista tal-ghajnejn Dr. Richard Soler, u dan accetta li jiehu lill-pazjenta taht il-kura tieghu;

4.24. Illi l-konvenut xorta baqa’ jmur jara lill-attrici darba jew darbtejn kuljum;

4.25. Illi l-konvenut isosstni li l-attrici ghamlet xi granet stabbli, sussegwentement tjiebet xi ftit, u l-process infjammatorju donnu deher li waqaf;

4.26. Illi sussegwentement, l-ghajn iddeterjorat bil-mod il-mod;

4.27. Illi meta l-attrici rritornat f’darha, l-konvenut isosstni li baqa’ jmur jarha d-dar u anke jcempel mill-Amerika biex jara kif kienet;

4.28. Illi meta ra l-ghajn ma kienitx tajba pprova wkoll jaghmlilha *contact lens*;

4.29. Illi jsosstni li baqa’ jsegwi lill-attrici sakemm ma l-atturi wrewh li ma kienux interessati aktar f’kura ulterjuri;

4.30. Illi l-operazzjoni ghat-tnehhija tal-katarretti *per se* irnexxiet teknikament;

4.31. Illi kienet infezzjoni accidentali li wasslet ghall-istat lamentat tal-attrici;

4.32. Illi l-konvenut isosstni li ma kellu l-ebda tort fir-rigward;

5. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-25 ta' Jannar, 2001, li permezz tieghu hatret lill-espert mediku u lill-espert legali hemm indikati biex jirrelataw bil-miktub kif hemm indikat, (ara foll 20);

6. Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat is-26 ta' Marzu, 2002, li permezz tieghu, wara li kienet informata li l-espert mediku fuq riferit esprima x-xewqa li ma jibqax jokkupa l-kariga lilhu moghtija, (ara foll 23), issosstitwiet lill-istess espert mediku hemm indikat, (ara foll 25), li wkoll kien sussegwentement gie sostitwit, (ara foll 29), b'espert mediku iehor li jirrizulta li accetta l-inkarigu *de quo* (ara foll 32);

7. Rat id-digriet sussegwenti tal-istess qorti datat it-28 t'Ottubru, 2004, li permezz tieghu, wara talba appozita, issostitwiet anke lill-espert legali *de quo* b'iehor indikat fl-istess digriet, (ara foll 40);

8. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-20 ta' Frar, 2007, li permezz tieghu cahdet it-talba tal-atturi li Joseph Abela jigi ammess bhala xhud u li tammetti d-dikjarazzjoni guramentati tieghu, (ara foll 59 u 61);

9. Rat id-digriet taghha datat il-11 t'April, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz b'mod skritt quddiem il-perit legali fit-termini hemm indikati, (ara foll 87);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata is-27 ta' Mejju, 2013, (ara foll 88 u 176);

11. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, issosstitwiet lill-espert mediku precedentement nominat, (ara foll 103), flimkien mad-digriet ulterjuri taghha datata l-20 ta' Frar, 2014, (ara foll 109), fejn ghar-raguni hemm espressa regghet kienet kostretta terga tissosstitwixxi l-espert mediku b'dak hemm indikat;

12. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta’ Mejju, 2014, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati regghet irriappuntat lill-perit tekniku precedentement appuntat, u sostitwit, (ara foll 111);

13. Rat ir-relazzjoni kongunta tal-perit legali u tal-espert mediku nominati datata t-2 ta’ Novembru, 2015, (ara foll 121 u 128 *et sequitur*);

14. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta’ Frar, 2016, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar x’jipproducu, u wara talba appozita ghall-istess, awtorizzat lill-istess rapprezentanti tal-partijiet biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati (ara foll 358);

15. Rat il-verbal datat it-22 ta’ Gunju, 2016, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-konvenuti irrilevat li *nonostante* d-digriet appozitu, l-atturi naqsu jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet kif awtorizzati, (ara foll 361);

16. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti datata l-14 t’Ottubru, 2016, (ara foll 362);

17. Semghet ix-xhieda prodotta;

18. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati validament prodotti *in atti*;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi l-fatti li jirrizultaw jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

19.1. Illi fiz-17 ta’ Mejju, 1994, il-konvenut kirurgu oftalmiku ghamel operazzjoni fuq l-attrici fil-klinika *“Blue Cross”*, H’Attard, biex inehhila l-katarretti minn ghajnejha x-xellugija, (ara foll 34 u 128);

19.2. Illi sussegwentement ippresta wkoll diversi servizzi professjonali lill-istess attrici in konnessjoni mal-istess operazzjoni, (ara foll 10);

19.3. Illi l-attrici ssosstni li hi tilfet id-dawl minn ghajnejha x-xellugija wara li din giet operata mill-konvenut Tabone, u dan, in konsegwenza ta' imperizja, negligenza, traskuragini u ta' nuqqas ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni *da parti* tal-konvenut, (ara foll 1 *a tergo*);

19.4. Illi rizultat tal-istess sofriet danni ohra, telf ta' qliegh, u spejjez ohra, (ara foll 1 *a tergo*);

19.5. Illi konsegwenza tal-istess qed titlob li jigu likwidati d-danni minnha sofferti;

19.6. Illi l-konvenuti sintitkament isosstnu s-segwenti:

19.6.1. Illi l-konvenuta Josephine Tabone giet imharrka inutilment;

19.6.2. Illi l-azzjoni intrapriza mill-atturi hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

19.6.3. Illi l-konvenut Tabone mhux responsabbli ghas-sitwazzjoni li zviluppat f'ghajnejn l-attrici *stante* li l-operazzjoni tal-katarretti f'ghajnejn ix-xellugija tal-attrici "irnexxiet teknikament", (ara foll 10);

19.6.4. Illi l-kawza tas-sitwazzjoni li zviluppat f'ghajnejn l-attrici kienet rizultat t' "infezzjoni accidentali", (ara foll 10);

19.7. Illi qabel l-operazzjoni in dizamina l-attrici kienet tikkonsulta lil Dr. Soler u Dr. Fenech, (ara foll 34);

19.8. Illi l-konvenut Tabone kien ta parir lill-attrici li l-problemi li kellha setghu jigu superati jekk taghmel l-operazzjoni tal-katarretti;

19.9. Illi fuq istigazzjoni tal-attur, l-attrici accettat is-suggeriment tal-konvenut *de quo*;

19.10. Illi l-operazzjoni irnexxiet, (ara foll 10 u 35);

19.11. Illi minhabba li giet ukoll sussegwentement dijanjostikata problema f'qalb l-attrici, din inghatat parir biex tmur l-isptar, (ara foll 35);

19.12. Illi madwar jumejn (2) wara l-operazzjoni in dizamina giet somministrata injezzjoni sub konguntivali fuq l-attrici u ghajnejn l-attrici saret hamra, (ara foll 35);

19.13. Illi l-attrici giet mibghut l-*"Opthalmic Ward"*, (ara foll 10 u 35);

19.14. Illi l-ghajn ix-xellugija kolpita baqghet tiddeterjora sakemm, wara li kien jidher li tjiebet ftit regghet bdiet tiddeterjora sakemm intilfet il-vista, (ara foll 10);

Ikkunsidrat:

**A. Il-Posizzjoni tal-intimata Josephine Tabone:**

20.0. Illi rigward l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti li Josephine Tabone giet imharrka inutilment jinghad sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi ghandu jkun pacifiku li tenut kont tal-fatti anke kif fuq sintetikament esposti, l-konvenuta in dizamina tirrizulta kompletament estranea ghall-akkadut;

20.2. Illi bl-ebda mod ma jirrizulta li jezisti xi ness fattwali bejn l-imsemmija konvenuta u l-attrici;

20.3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1322 (1) tal-Kap 16 fuq riferit li jistabbilixxi s-segwenti:

> "L-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga";

20.4. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, fl-ismijiet ***Joseph Attard et vs. Ray Avallona***, datata l-***24 ta' Mejju, 2011***, li rriteniet:

> "Illi huwa maghruf u accettat li l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja bejn il-mizzewgin huma dawk li l-ligi espressament u tassattivament issemmi. Dawn l-ghemejjel kollha jitolbu s-sehem flimkien tal-mizzewgin. Ghalhekk, il-jedd li wiehed iharrek jew li jkun imharrek dwar l-imsemmija atti jghodd biss ghal dawk l-ghemejjel u mhux ghal ohrajn. Fejn il-ligi riedet taghzel, ghazlet. It-tifsira u t-thaddim ta' dawk id-dispozizzjonijiet specjali ghandha tkun wahda restrittiva ...";

20.5. Illi anke minn ezami tal-artiklu 1322(3) tal-istess Kap 16, l-azzjoni odjerna ma tirrizultax li hi klassifikata bhala riflessjoni ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja;

20.6. Illi kwalunkwe att li mhux specifikament inkluz fl-artiklu 1322(2) u (3) in dizamina, ghandu ghalhekk jitqies li hu att ta' amministrazzjoni ordinarja;

20.7. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li dan il-gudizzju kien ikun shih anke jekk il-konvenuta ma gietx imharrka;

20.8. Illi dan qieghed jigi ribadit ghaliex mhux mehtieg is-sehem tal-konjugi flimkien f'azzjoni ta' din ix-xorta;

20.9. Illi hu minnu li skont l-artiklu 1327(f) tal-Kap 16 *de quo* li:

> "kull dejn jew indennizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda"

hu dejn li jmur fuq il-komunjoni tal-akkwisti;

20.10. Illi *nonostante* dan, il-konvenuta Josephine Tabone ma kelliex ghalfejn tigi mharrka *stante* li din il-procedura setghet tigi validament indirizzata biss fil- konfront tal-konvenut Dr. Mario Tabone;

20.11. Illi in vista tal-premess din l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

**B. Il-Preskrizzjoni sollevata mill-Konvenuti:**

21.0. Illi rigward it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti rigwardanti l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi:

"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn";

21.2. Illi l-operazzjoni li minnha tilmenta l-attrici kienet ezegwita fiz-17 ta' Mejju, 1994, (ara foll 1 *a tergo*);

21.3. Illi jirrizulta li l-kawza odjerna kienet istitwita fid-29 t'April, 1998, (ara foll 1);

21.4. Illi jigi osservat li l-atturiipprezentaw tliet (3) ittri ufficjali rispettivament datati 7 ta' Mejju, 1996, 26 ta' Marzu, 1998, u t-23 t'April, 1998, (ara foll 1 *a tergo*);

21.5. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li bl-atti ufficjali in dizamina indirizzati fil-konfront tal-konvenut Tabone, jirrizulta li l-perjodu preskrittiv in dizamina fuq riferit gie interrott, (ara foll 171);

21.6. Illi kif stipulat fl-artiklu 2131 tal-Kodici Civili:

"Il-preskrizzjoni tinkiser b'talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba";

21.7. Illi in vista tal-premess jirrizulta li l-procedura in dizamina giet effettivament ipprezentata *entro* t-terminu preskrittiv stabbilit mill-ligi;

21.8. Illi konsegwentement, din it-talba rigwardanti l-preskrizzjoni sollelvata mill-konvenuti ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**C. Il-Mertu:**

22.0. Illi fir-rigward tal-mertu sollevat mill-atturi jinghad sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi in sintesi, din hi kawza rigwardanti t-traskuragni professjonali allegatament tal-konvenut;

22.2. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Josephine Borg et vs. Dr Anthony Fiorini***, datata t-***18 ta' Lulju, 1994***, meta ***l-Prim'Awla tal-Qorti Civili*** giet biex tezamina r-responsabbilita` ta' tabib fil-kontest ta' kwazi delitt, tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet ***Victor Savona vs. Dr. Peter Asphar*** fejn gie hemm ukoll ritenut li tabib ikun responsabbli ghad-danni kemm- il darba, fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu, ma jezercitax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' *bonus pater familias*;

22.3. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Rose Gauci u zewgha Grezzju Gauci ghal kull interess li jista' jkollu vs. Mr Donald Felice***, datata l-***31 t'Ottubru, 2008***, il-***Qorti tal-Appell*** irriteniet is-segwenti:

> "Dwar il-grad ta' diligenza li professjonist bhat-tabib ghandu juza, il-gurisprudenza estera hija konkordi li mhux mistenni mit-tabib grad gholi ta' diligenza, izda dik normali li wiehed jistenna minn professjonist tal-affari tieghu"

22.4. Illi l-istess qorti kompliet hekk:

> "Illi fil-kawza Ingliza ***Bolam vs. Friern H.M.C. (1957 W.L.R. 582)*** qalet: '*The test is the standard of the ordinary skilled man exercising and*

*professing to have that special skill; it is well established law that it is sufficient if he exercises the ordinary skill of an ordinary competent man exercising that particular art*'. Il-***Corte di Cassazione*** tal-Italja, f'sentenza moghtija fit-18 ta' Gunju, 1945, enunzjat l-istess principju meta qalet li: '*la diligenza che il professjonista deve porre nello svolgimento dell'attivita` professionali e` quella del professionista di preparazione e di diligenza media*"

22.5. Illi fis-sentenza taghha datata t-***22 ta' Frar, 1988***, l-istess ***Corte di Cassazione*** osservat pero`:

"Illi jista' jkun hemm responsabbilita` tat-tabib anki ghal *culpa lieve* meta: '*di fronte ad un caso ordinario, non abbia osservato, per inadegwatezza od incompletezza della preparazione professionale, ovvero per omissione della media diligenza, quelle regole precise che sono acquisite, per commune consenso e consolidata sperimentazione, alla scienza ed alla pratica, e, quindi, costituiscano il necessario corredo del professionista che si dedichi ad un determinato settore della medicina*";

Ikkunsidrat:

23.0. Illi epurati l-principji rigwardanti r-responsabbilita` specifika ta' tabib fir-rigward tal-principji rigwardanti r-responsabbilita` in generali jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi l-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, fis-sentenza fl-ismijiet ***Francis Busuttil vs. Sammy Meilaq nomine*** datata d-***9 ta' Dicembru, 2002***, irriteniet is-segwenti:

"F'azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita` ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-qorti ghalhekk jehtigilha tezamina attentament il-provi

biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruhhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok, irnexxilux jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenut *nomine*”,

Ikkunsidrat:

24. Illi applikati l-principji fuq elenkati ghall-kawza in dizamina jinghad li dak li issa jrid jigi deciz hu effettivament jekk kienx hemm xi negligenza jew imprudenza fl-operat tal-konvenut Tabone li kkawza d-dannu rikjamat mill-attrici;

25. Illi a skans ta’ ripetizzjoni u ta’ dilungar inutili, ssir referenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-perit legali riprodotti fir-relazzjoni kongunta – senjatament il-paragrafi 179 sa 187 a foll 169 u 170 tal-process;

26. Illi jigi sottolineat li din il-qorti taqbel mal-analizi u konkluzjonijiet tal-istess periti nominati f’din il-procedura, u taghmel taghha l-istess analizi u konkluzjonijiet taghhom;

27. Illi in vista tal-istess analizi taghhom, l-imsemmija esperti ikkonkludew ir-relazzjoni kongunta taghhom bil-mod segwenti: (ara foll 172)

> “...illi ma kien hemm ebda negligenza jew traskuragni *da parte* tal-konvenut Dr. Mario Tabone fl-esercizzjoni, (*recte* ezercizzju), tal-professjoni tieghu u li l-infezzjoni illi soffriet l-attrici in segwitu ghall-intervent kirurgiku, u li kien il-kawza ghat-telf tal-vista tal-attrici, kien kaz fortuwitu, li fuqu l-konvenut Dr. Mario Tabone ma kellu ebda kontroll”;

28. Illi in vista tal-premess din il-qorti ghalhekk taghmel ukoll taghha l-konkluzjoni peritali riprodotta fil-paragrafu precendenti;

29. Illi skont l-artiklu 1033 tal-Kap 16 fuq riferit jirrizulta li:

> “Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza

jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";

30. Illi f'dan ir-rigward, ir-regola generali stabbilita fl-artiklu 1031 tal-istess Kap 16 hi li:

"...kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";

31. Illi l-artiklu 1032(1) tal-istess Kap ikompli billi jistabbilixxi li:

"Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja";

32. Illi pero` fit-terminu tal-artiklu 1032(2) tal-istess Kap:

"Hadd ma jwiegeb fin-nuqqas ta' disposizzjni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza, jew ta' hsieb fi grad akbar";

Ikkunsidrat:

33. Illi ma jirrizultax li l-konvenut Tabone agixxa, b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fir-rigward tal-attrici;

34. Illi ghalhekk din il-kawza ma jistax ikollha l-ezitu li l-atturi jindirizzawha lejh;

Ikkunsidrat:

35. Illi konsegwenza tal-istess it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li l-atturi ma ippruvawx il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

36.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-atturi;

36.2. Takkolji l-ewwel(1) eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u konsegwentement tillibera lill-konvenuta Josephine Tabone mill-osservanza tal-gudizzju;

36.3. Tirrespingi t-tieni(2) eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti, *stante* li l-preskrizzjoni minnhom rikjamata kienet interotta;

36.4. Takkolji l-eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu sollevati mill-konvenuti;

36.5. Bl-ispejjez tal-procedura odjerna kontra l-atturi fi kwota ta' disa' minn ghaxra (9/10), u ta' kwota ta' wiehed f'ghaxra, (1/10), kontra l-konvenut Tabone.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**